MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI RIMANDANTI

## MAGISTRAT AARON BUGEJA

Seduta tas-16 ta' Jannar, 2014

Numru. 36/2014

**Il-Pulizija**
**(Spettur Mario Cuschieri)**
**vs**
**Stefanie Bose**
**(hawn aktar l-isfel maghruf bhala "l-estradanta")**

**Illum is-16 ta' Jannar, 2014**

Il-Qorti,

Rat li l-Pulizija resqu lil estradanta quddiemha.

Rat l-Allert taht is-Sistema ta' Informazzjoni Schengen (hawn aktar l-isfel maghruf bhala l-"Allert") mahrug fuq talba tal-Qorti ta' Giorlitz kontra Stefanie Bose, li hija mfittxija mill-Awtoritajiet kompetenti gudizzjarji fil-Germanja, (hawn aktar l-isfel maghruf bhala "il-pajjiz skedat" *ai fini* tal-Artikolu 5 tal-Avviz Legali 320 tal-2004) biex, f'kaz ta' sejbien ta' htija, hemmhekk isservi piena li fil-massimu taghha tista titla' sa' ghaxar (10) snin prigunerija dwar ir-reat kriminali ta' offiza gravi fuq persuna, liema Allert hu wkoll anness mal-atti.

Rat il-Mandat t'Arrest Ewropew mahrug, ezebit in atti, fil-lingwa Ingliza u Germaniza u li permezz tieghu t-Tribunal ta' Giorlitz talab l-estradizzjoni tal-estradanta u li hija mfittxija mill-awtorita kompetenti fl-pajjiz skedat, bhala l-ko-awtrici fir-reat ta' offiza gravi fuq persuna, liema reat hu skedat skont l-iskeda 2 tal-istess Awiz Legali.
Rat ic-certifikat anness mal-atti a fol 12 u 13 u mahrug mill-Avukat Generali skont l-artikoli 6A u 7 tal-istess Awiz Legali in konnessjoni mal-Allert mahrug fil-konfront tal-istess persuna.
Rat l-atti kollha tal-kaz specjalment dak kollu verbalizzat waqt is-seduti tas-16 ta' Jannar, 2014.

**Ikkunsidrat : -**

Illi, kif jirrizulta mill-verbal tas-seduta tal-4 ta' Jannar, 2014, li fiha kien qed jsir l-'initial hearing' f'dawn il-proceduri minn din il-Qorti diversament presjeduta fejn, wara li l-Qorti semghet taht gurament lill-Ufficjal Prosekutur, ghamlet l-ezami tal-estradanta fil-presenza tad-difensur taghha, u dik il-Qorti ivverifikat l-identita tal-istess skont id-dokumentazzjoni disponibbli ghaliha u skont dak li rat hija stess quddiemha u ma saret ebda kontestazzjoni dwar il-kwistjoni tal-identita tal-estradanta (ara l-artikolu 10(2) tal-istess Avviz Legali).
Illi, *ai termini* tal-Artikolu 11 tal-Avviz Legali 320 tal-2004, il-Qorti nfurmat lill-estradanta dwar il-kontenut tal-Allert u tal-Mandat t'Arrest Ewropew mahrug kontra taghha.

Illi matul l-"extradition hearing" tenut matul is-seduta tal-lum stess ai termini tal-artikolu 12 tal-Avviz Legali imsemmi, il-Qorti iddecidiet li r-reat imsemmi fil-Mandat t'Arrest Ewropew kien jammonta ghal reat ta' Estradizzjoni.

Illi l-estradanta ma qajmet ebda raguni legali skont l-Artikoli 13 sa 22 tal-Avviz Legali in forza ta' liema l-estradizzjoni taghha setghet tigi imwaqfa.

Illi matul is-seduta tal-lum stess l-estradanta, prezenti d-difensur taghha u wkoll l-interpretu nominat, b'mod irrevokabbli tat il-kunsens taghha sabiex tigi mreggija lura lejn il-pajjiz skedat u tkun soggetta ghall-Awtorita Gudizzjarja Germaniza. Il-Qorti ghamlitha cara lill-estradanta li hija setghet taghmel dan ai termini tal-Artikolu 43 tal-Avviz Legali 320 tal-2004. Il-Qorti ghaddiet biex spjegat l-import tal-Artikolu 43(3) tal-Avviz Legali 320 tal-2004, u wara dan, ai termini tal-istess Artikolu rat li l-estradanta iddikjarat : -

(i) li mhux qeghda tirrinunzja ghar- “rule of speciality” [Art. 43(3)];
(ii) li taghraf li l-kunsens taghha ingħata quddiem il-Qorti;
(iii) li gie reġistrat bil-miktub;
(iv) li huwa irrevokabbli;
(v) li meta tat il-kunsens hija kienet legalment rappreżentata quddiem il-qorti filwaqt li tat il-kunsens taghha;
(vi) li hija kienet matul dawn il-procedimenti fil-Qorti assistita minn difensur tal-ghajnuna legali.

Inoltre, l-Qorti, ai termini tal-Artikolu 44 tal-Avviz Legali 320 tal-2004 [li jirrendi applikabbli l-Artikolu 15(5) u 16 tal-Kap 276] gharfet lill-estradanta li :
(a) hija sodisfatta li d-dikjarazzjoni tal-estradanta saret b’mod volontarju u li hija ser tibghat lill-estradanta taht kustodja sakemm din tkun qed tistenna li terga’ lura u d-disposizzjonijiet kollha tal-Kap 276 u tal-Avviz Legali 320 tal-2004 ghat-treggiegh lura taghha ghandhom jitqiesu li huma sodisfatti;
(b) ma jista’ jsir ebda appell mid-deċiżjoni tal-qorti li tibgħat lill-persuna taħt kustodja taħt id-disposizzjonijiet ta’ dan is-subartikolu;
(c) li ma jkunx ser titreġġa’ lura qabel ma jgħaddu sebat ijiem mid-data tal-ordni ta’ kustodja;
(d) li, jekk jidhrilha li xi waħda mid-disposizzjonijiet tal-Artikolu 10(1) u (2) tal-Kap 276 tkun ġiet miksura jew li xi disposizzjoni tal-Kostituzzjoni ta’ Malta jew tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea hija, tkun ġiet jew x’aktarx tkun ser tiġi miksura dwar il-persuna taghha hekk li tkun ġustifikata

r-revoka, l-annullament jew il-modifika tal-ordni ta' kustodja tal-qorti, hija għandha l-jedd li titlob rimedju skont id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 46 tal-imsemmija Kostituzzjoni jew tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea, skont il-każ;

(e) li din l-ordni qed issir fi zmien ghaxart ijiem mid-data li fiha l-estradanta tat il-kunsens taghha sabiex tigi mibghuta lejn il-pajjiz skedat.

**<u>L-ordni ghall-kustodja</u>**

Ghaldaqstant ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 43 u 45(3)(a) tal-Avviz Legali 320 tal-2004, tordna li l-estradanta, kif imsemmi u deskritt fl-istess Mandat t'Arrest Ewropew, tinzamm taht kustodja sabiex tistenna l-estradizzjoni taghha lejn il-pajjiz skedat u dan fi zmien ghaxart (10) ijiem millum stess.

Din l-Ordni qed issir soggetta ghas-segwenti:-

a)Kif digja inghad, l-istess estradanta, ma tirrinunzjax ghar-'rule of speciality'; u

b)l-estradanta ghandha dritt taghmel proceduri ghal rimedju taht l-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta skont dak provdut fl-Artikoli 25 u 15(5) tal-istess Avviz Legali u l-Artikolu 16 tal-Kap 276 tal-Ligijiet ta' Malta), jekk thoss illi xi disposizzjoni minnhom hija, tkun ġiet jew x'aktarx tkun se tiġi miksura dwar il-persuna taghha.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------